MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

ID-DISA' LEĠISLATURA 2024

SEDUTA NUMRU 26

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar l-Erbgħa 20 ta'Awwissu 2025 fl-16.30

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| M.Balzan | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 26.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M.Abela

26.1.1 Il-Kunsillier infurmat li dwar il-problema ta' *over-speeding* fi Triq Sant Andrija u dwar it-traffiku li qed jinġemma ta'kuljum fi Triq il-Prekursur, iltaqgħu on site ma' uffiċċjali ta' TM.

26.1.2 Hija ssuġeriet li fuq rikjesta minn naħa tar-resident tiġi nstallata tabelli tal-qtates fi Triq il-Pedidalwett (cul-de-sac). Kien hemm qbil li din ssir.

26.1.3 Il-Kunsillier ssuġeriet li jsir bank tal-injam, fuq sub-station fil-Madliena; dan peress li din iż-żona tiġi frekwentata minn ħafna *dog-walkers* u dan jservi biex wieħed jistrieħ ftit. Kien hemm qbil dwar dan.

26.1.4 Rigward it-tiġieġ abbandunati li hemm fi Triq il-Miżura k/m Triq tal-Franċiż, il-Kunsillier staqsiet li apparti li dawn qed iħammġu ż-żona jidher li dawn qed jattiraw wkoll il-ġrieden. Is-SE infurmat li fuq suġġeriment tal-Kunsillier R. Scicluna, se jiġu ikuntattjati Cleansing Department sabiex niċċekjaw jistgħux jgħinu f'din is-sitwazzjoni.

26.1.5 Il-Kunsillier infurmat li qed jinħass sew il-bżonn li jsir tibdil fl-immaniġjar tat-traffiku fi Triq ix-Xiber u l-inħawi. Ir-residenti tal-istess triq, ta' kuljum jilmentaw bl-ammont ta' traffiku inkluż vetturi kbar. Is-Sindku nforma li din it-triq hija waħda mportanti ħafna peress li taqgħad l-Ibraġ mal-Madliena u jidher li hemm żewġ proposti li wieħed jista' jikkonsidra. Dawn il-punti kienu semmewhom wkoll matul il-laqgħa pubblika li kienet saret ma' residenti tard is-sena l-oħra. Dawn kienu:

- Jitneħħa parkeġġ ta' naħa waħda sabiex jkun hemm iktar wiesa' biex jgħaddu żewġ vetturi b'mod sigur
- Din it-triq ssir one-way imma trid tiġi provduta alternattiva prattika

Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil li sakemm din it-triq tiġi *resurfaced* tibqa' kif inhi imma l-membri tal-Kunsill għandhom jilħqu jistudjaw dan il-proposti.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 26.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Viċi Sindku

26.1.6 Il-Viċi Sindku nforma li t-tabelli tal-isem tat-triq kif ukoll dik li tindika li triq hija *cul-de-sac* għadhom neqsin minn Triq il-Barmil. Is-SE infurmat li dawn kienu twaħħlu pero' jidher li dawn reġgħu ġew neqsin.

26.1.7 Hu nforma li skont rapporti li qed jirċievi, jidher li hemm karavan pparkajt fi drive-in li qed jostakolaw l-bankina. Is-Sindku nforma li dan ġie irrapurtat lill-Pulizija.

26.1.8 Rigward is-sitwazzjoni tal-knis, hu nforma li Triq is-Swieqi b'mod partikolari hemm bżonn li tinkines sew partikolarment taħt il-bankini. Ġie deċiż li hekk kif jibda' l-kuntrattur il-ġdid, din il-probabilta; tiġi diskussa.

26.1.9 Hu nforma li bil-preparazzjoni għas-sena skolastika ġdida, tajjeb li jiġu nfurmati TM sabiex jesiġu li jkunu hemm l-uffiċċjali tagħhom mar-roundabou ta' ħdejn il-Mekkek. Dan sabiex it-traffiku li ħiereġ minn Triq tal-Ibraġ jingħata ċans li joħroġ b'mod sigur.

26.1.10 Il-Viċi Sindku nforma li l-Kunsill ta' tfal għadu qed jiffunzjona b'mod tajjeb ħafna tant li tfal li huma membri, issuġerew li fi SwieqiFest jkun hemm attivitajiet immirati għalihom u biex jagħmlu stand sabiex iħeġġu tfal oħra jkunu membri.

26.1.11 Rigward il-kwistjoni tal-bankina fi Triq it-Terz k/m Triq G.Bessiera, il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi. Is-SE infurmat li s-sid ġie infurmat u għalkemm hemm ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill li jindika eżatt x'inhi l-problema, jidher li s-sid mhux daqstant konvint. Għaldaqstant, kien hemm qbil li tiġi nvoluta persuna professjonali fis-siġar sabiex tiddermina x'inhuma l-passi meħtieġa.

26.1.12 Hu nforma li riċentament kien hemm kummenti li l-Kunsill preżenti qiegħed jiffavurixi kumpless ta' xiri partikolari minħabba t-tibdil tal-immaniġjar tat-traffiku fi żona ta' Triq il-Marbat. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill b'mod l-iktar qawwi ċaħad din l-insinwazzjoni peress li kull tibdil li sar f'din iż-żona sar biss għall-ġid komuni tar-residenti.

26.1.13 Il-Viċi Sindku ppropona li jsir waste-depot fil-kantuniera ta' Triq il-Ħemel k/m Triq l-Ispiera. Wara diskuzzjoni, jidher li m'hemmx qbil ta' kif il-Kunsill għandu jutulizza bl-aħjar mod possibli għal ġid komuni tal-lokalita'.

*Il-Kunsillier M. Abela talbet sabiex tiġi skużata. Il-ħin kien 17.10.*

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 26.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier A.Pisani

26.1.13 Il-Kunsillier staqiset jekk hux possibli li l-wires li hemm ma' residenza partikolari fi Triq V.Menville jsiru b'mod iktar pulit. Is-SE staqsiet għall-indirizz sabiex l-ewwel jiġi ddeterminat ta' liema entita huma dawn il-linji.

*Il-Kunsillier L. Vassallo talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 17.30.*

Mill-Kunsillier R. Scicluna

26.1.14 Il-Kunsillieri infurmat li skont rapporti li irċeviet, traffic calmers indikati hawn taħt qed joħolqu inkovenjenza kbira lir-residenti tal-madwar kif ukoll lis-sewwieqa:

- Sqaq Lourdes (lejn Sqaq St Wistin)
- Triq is-Sidra k/m Triq is-Swieqi
- Triq il-Qasam ( fil-bidu tal-Wied)

Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dawk ta' Triq is-Sidra u Sqaq Lourdes jitneħħew mill-aktar fis fil-waqt li dik ta' Triq il-Qasam (li sraet eżatt fejn kienet qabel) għalissa titħalla peress li din qiegħda fi triq arterjali.

26.1.15 Il-Kunsillier infurmat li b'kolloborazzjoni ma' *Pet Nutrition,* bi pjaċir tista tinforma li ġie ffinalizzat ftehim ma' din il-kumpanija fejn dawk cat feeders li huma rreġistrati mal-Kunsill se jkunu qed jibbenenfikaw minn skont fuq l-ikel. Is-Sindku rringrazzjaha ta' dan l-inzjattiva li żgur se tkun t'għajnuna kbira għalihom.

26.1.16 Hija nfurmat li sfortunatament jidher li fil-Ġnien Mons. Victor Grech qed jintlemħu xi ġrieden u għaldaqstant hemm bżonn li jiġu nstallati xi tip ta' *pest controls*. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li skont il-kwotazzjonijiet li nġabru, jinxtraw 10 sabiex jitpoġġew fl-istess ġnien.

26.1.17 Jidher li xi sewwieqa irresponsabli biex jevitaw li jduru minn wara l-ġnien qegħdin jagħmlu u-turn b'mod perikoluż fi Triq is-Swieqi. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jiġi kkonsultat is-Sur T. Debono mit-TM dwar jekk hux possibli li titwaħħal tabella NO U-TURN.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 26.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

*Il-Kunsillier A. Pisani talbet sabiex tiġi skużata. Il-ħin kien 18.30.*

Mill-Kunsillier E. Rossignaud

26.1.18 Il-Kunsillier informa li skont rapport li rċieva jidher li wara li ingħata t-tarmak minn IM fi Triq il-Gejża, inżamm xi ilma f'nofs ta' triq. Is-Sindku nforma li dwar din il-materja, hu għamel kuntatt ma' IM u dawn se jkunu qed jagħmlu tiswijiet neċċessarji mill-aktar fis.

26.1.19 Hu nforma li x-xogħol fuq il-bankina ta' madwar Ġnien FX Ebejer, jidher li kważi tlesta. Is-SE infurmat li fil-jiem li ġejjin l-Perit tal-Kunsill se jkun qed jagħmel site-inspection flimkien mal-Perit tal-Public Works. Is-SE infurmat li culverts se jkunu qed jitnaddfu wkoll fil-jiem li ġejjin.

26.1.20 Huwa ssuġerixxa sabiex jinżabru s-siġar ta' Ġnien FX Ebejer (in-naħa ta'quddiem) peress li dawn qegħdin fil-baxx ħafna. Is-SE infurmat se tagħmel kuntatt mal-ġardinar.

26.1.21 Il-Kunsillier staqsa għall-programm uffiċċjali finali ta' SwieqiFest. Is-SE infurmat li dan se jkun kkonfermat fil-jiem li ġejjin.

Mill-Kunsillier T.Valentino

26.1.22 Il-Kunsillier staqsiet jekk għadhiex qed issir tisqija tas-siġar tal-Madliena Trail. Is-SE infurmat li din għadha qed issir.

26.1.23 Hija staqsiet jekk hux possibli li jiġu miżbrugħa xi siġar li hemm fit-telgħa tal-Madliena peress li minħabba fihom, il-vetturi qed ikollhom jaqbżu fuq il-karreġjata l-oħra. Is-SE infurmat li se tikkomunika mal-kuntrattur responsabli.

26.1.24 B'referenza għax-xogħolijiet kurrenti fi Triq il-Madliena quddiem il-Kappella, il-Kunsillier infurmat li l-bankijiet li kien hemm ġew mkissra u li ż-żona mhux tidher daqstant tajba. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jsir kuntatt mal-kuntratturi li bħalissa qed jaħdmu fi żona (ELBROS).

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 26.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier T.Valentino

26.1.25 Il-Kunsillier irreferiet għax-xogħljiet ta' trinek li kienu saru riċenti mill-GO plc fil-Madliena partikoralment fi Triq il-Madliena u Trq Wied id-Dies. Jidher li dawn it-tinek qegħdin jisfrondu u għaldaqstant jidher li x-xogħol ta' tarmak li sar ma kienx wieħed professjonali. Ġie deċiż li jsir kuntatt mal-GO plc.

26.1.26 B'referenza għas-sinjali ta' traffiku ta' Triq il-Madliena, il-Kunsillier issuġeriet sabiex jsir ir-rifreskar sabiex it-traffiku jkun iggwidat b'mod aħjar. Kien hemm qbil unanimu li dawn jsiru.

Din is-Seduta spiċċat fit-20.15 u bi ftehim ġie deċiż li s-seduta li jmiss tkun skedata għat-Tnejn 22 ta' Settembru fl-16.30.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv